23 ta' Gunju 1967

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Avukat Dottor Joseph Cassar noe

*versus*

Joseph Grech Marguerat

**Logħob tal-Azzard — Debitu — Azzjoni għall-Ħlas — Ripetizzjoni ta' Pagament — Cheque — Casino**

*L-awtorizzazzjoni tal-Gvern għall-logħob fil-Casino in bażi għall-Ordinanza numru XVI tal-1962 ma tidderogax għall-artikolu 1807 tal-Kodiċi Ċivili, imma biss jipprekludu lid-debitur ta' debitu tal-logħob milli jaġixxi għar-ripetizzjoni ta' dak li jkun ġa ħallas volontarjament.*

*Ir-rilaxx ta' cheque għall-ħlas ta' dejn tal-logħob ma jikkostitwiex pagament għall-finijiet tas-"soluti retentio" in konnessjoni mal-presenti kwistjoni imma biss mezz biex il-pagament jista' jiġi konsegwit.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur nomine wara li ppremetta (1) li l-kumpannija attriċi tat b'self lill-konvenut fi tliet okkażjonijiet f'Novembru, 1964 u f'okkażjoni oħra f'April, 1965, diversi somom ta' flus (jetons), kif jirriżulta mill-iskritturi annessi maċ-ċitazzjoni u markati Dokumenti "A", "B", "C", u "D", komplessivament ammontanti għall-tmien mitt lira (£800) li minnhom ġew imħallsa mitt lira biss kif jidher aħjar mill-prospett ukoll unit maċ-ċitazzjoni u markat Dokument "E"; (2) li f'ħames okkażjonijiet oħra fl-istess xahar ta' Novembru, 1964, u fi tliet okkażjonijiet fl-istess xahar ta' April, 1965, ġew avanzati lill-konvenut diversi somom ta' "jetons" li għalihom il-konvenut ħallas permezz ta' "cheques" miġbudin fuq Barclays Bank, D.C.O., pagabili "Cash" u ġirati mill-konvenut favur il-kumpannija attriċi liema cheques meta ġew sussegwentement ippreżentati lill-Bank imsemmi ma ġewx imsarrfa u liema "jetons" jamontaw għal valur komplessiv ta' elf u sitt mitt lira (£1600) li minnhom għandhom jitnaqqsu mija u ħamsin lira (£150) imħallsa akkont kif ukoll jitnaqqsu mitejn lira (£200) dovuti lill-konvenut mill-kumpannija attriċi bħala ħlas ta' rebħ magħmul minnu, liema cheques

ġew annessi maċ-ċitazzjoni bħala dokumenti "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L", "M", kif hu indikat fil-prospett ġià fuq imsemmi; u (3) li l-konvenut għalhekk għad għandu jħallas kif spjegat fuq is-somma totali ta' elf disa' mija u ħamsin lira (£1950) — talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija il-konvenut, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun, jiġi kundannat li jħallas l-imsemmija somma ta' elf disa' mija u ħamsin lira (£1950), bl-imgħaxijiet skond il-liġi u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' impediment ta' safar kontra l-persuna tas-26 ta' Ottubru, 1965.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li l-attur nomine m'għandux azzjoni biex jirreklama flus mislufin għall-logħob u dana skond l-art. 1807 u 1808 tal-Kodiċi Ċivili, u li għalhekk d-domandi huma infondati u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Ġunju, 1966 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li, indipendentement miċ-ċirkostanza jekk is-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni hix kollha relattiva għal self għall-logħob jew għal xi forma oħra ta' negozju konness mal-logħob bħala mezz ta' esekuzjoni tiegħu, tiddikjara li l-attur nomine m'għandux azzjoni għall-pagament ta' din is-somma u għalhekk illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, salv kwalunkwe obbligu li huwa jista' jħoss quddiem l-unur u l-kuxjenza tiegħu stess, li fiħom il-Qorti ma tistax tindaħallu, ordnat li l-ispejjeż stante in-novità u d-diffikoltà tal-każ jibqgħu bla taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jibqa' għall-attur nomine, wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat in-nota tal-appell tal-attur nomine u l-petizzjoni tie-

għu li biha talab illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata billi tiġi milqugħa t-talba tal-appellanti nomine bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-konvenut li biha appella inċidentalment mill-imsemmija sentenza u talab illi l-istess sentenza tiġi riformata billi tiġi mħassra kwantu għall-kap tal-ispejjeż li għandhom jiġu mħallsin mill-attur appellant nomine u billi tiġi konfermata fil-partijiet l-oħra kollha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

**Fuq l-appell prinċipali**

Illi l-istrateġija abilment adoperata mill-attur nomine f'dan l-appell hija tista' tgħid sostanzjalment fuq il-bażi ta' dik adoperata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. L-appellant semma ukoll f'din l-istanza, iżda in vista tal-aħħar xhieda tal-appellat — pjuttost in subordine il-kwistjoni tal-possibbli differenza bejn l-ipotesi ta' provvista ta' fondi u dik tan-nuqqas ta' provvista ta' fondi għall-finijiet tal-konsiderazzjoni ta' cheque diżonorat bħala pagament u dan a sua volta għall-finijiet tal-legalment ammess "soluti retentio" ta' dak li ġie volontarjament imħallas bħala debitu ta' logħob, fil-każ li — dak li l-attur nomine lanqas ma jikkonċedi — l-akkwist ta' fixxi ("jetons") għal-logħob jirrientra ġuridikament f'dawn it-termini.

Illi kwantu għall-kwistjoni, li reġgħet ġiet trattata fl-appell, jekk l-awtorizzazzjoni tal-Gvern għall-logħob fil-Casino tidderogax "per se" għall-artikolu 1807 tal-Kodiċi Ċivili, din il-Qorti hi ta' fehma illi in bażi għall-Ordinanza No. XVI tal-1962 l-affermattiva mhix ġustifikata.

Għalkemm il-preċedenti f'pajjiżi oħra jistgħu jkunu ukoll ta' xi għajnuna, b'danakollu s-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni tiddependi essenzjalment mit-terminu tal-Ordinanza XVI tal-1962 u l-interpretazzjoni li tingħata lid-disposizzjonijiet tagħha.

Id-disposizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza verament rilevanti għar-risoluzzjoni tal-kwistjoni huma dawk tal-Artikoli 4 u 5. L-ewwel wieħed jgħid: "Subject to the provisions of section 7 of this Ordinance, where a license has been granted under section 3 of this Ordinance, then notwithstanding the provisions of any other law, it shall be lawful during the continuance of such licence (a) for the person to whom such licence has been granted, or for any person to whom such licence has been lawfully assigned in accordance with the terms and conditions thereof, to permit the use of the premises specified in the licence as a kursaal for the playing therein by persons over the age of eighteen years of such games of chance for money or money's worth and for such maximum stakes as may be specified in the licence and to encourage the playing therein by such persons of any such game for any such stake; and (b) for any persons over the age of eighteen years to take part therein in any such game played for any such stake." L-artikolu segwenti jgħid: "Subject to the provisions of section 7 of this Ordinance, where a licence has been granted under section 3 of this Ordinance, the provisions of section 1810 of the Civil Code shall not, during the continuance of such licence, apply to such games, played in the kursaal for such stakes, as are referred to in section 4 of this Ordinance." Ir-riferenza f'kull waħda minn dawn id-disposizzjonijiet għall-artikolu 7 tal-istess Ordinanza hi spjegata mill-fatt illi fis-subartikolu (2) tiegħu jingħad li d-disposizzjonijiet fuq riportati ma jibqgħux japplikaw jekk f'xi żmien id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu (li jipprovdi għall-ċerti

obbligi tal-"licensee") ma jiġux osservati.

Fil-petizzjoni tiegħu tal-appell l-attur qal illi l-ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni għalih avversa fuq din il-kwistjoni billi sostniet illi l-liġi speċjali li tawtorizza l-logħob fil-Casino ma dderogatx għall-liġi ċivili ġenerali imma biss għall-liġi kriminali fis-sens illi d-diriġenti u l-ġokaturi ma jibqgħux iżjed passibbli ta' prosekuzzjoni. Iżid jgħid l-istess appellant illi jkun verament assurd li fil-waqt li l-leġislatur jillegalizza l-logħob immexxi taħt ċerti kondizzjonijiet f'ċerti postijiet, mill-banda l-oħra jinnega l-validità ta' obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess logħob hekk awtorizzat. Waqt li huwa veru, ikompli jgħid, li l-maġġoranza tal-ġurisprudenza u dottrina aktar moderni taljani jsostnu teżi diversa fis-sens li l-awtorizzazzjoni tal-logħob ma tidderogax għad-dinieg ta' azzjoni komminat mid-dritt ċivili ġenerali, jitqa' l-fatt li hemm tant awturi kemm sentenzi ta' tribunali taljani li sostnew it-teżi tal-appellant.

Dan l-aħħar rifless jirrikollega ruħu mal-argoment desunt mill-attur appellant mill-artikolu 1811 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, li għar-rigward tiegħu din il-Qorti ma ssib xejn utili x'iżżid ma dak li irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata.

Kwantu għall-artikoli 4 u 5 tal-Ordinanza fuq imsemmija din il-Qorti jidhrilha li hi korretta l-konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li l-awtorizzazzjoni kontemplata fl-istess Ordinanza għandha l-effett biss li tirrimovi s-soġġezzjoni għas-sanzjonijiet penali stabbiliti għal-logħob tal-azzard imma ma tinċidiex fuq ir-raġuni privatistiku tal-logħob ħlief sal-limiti biss ta' deroga għall-artikolu 1810 tal-Kodiċi Ċivili; Mill-bqija r-"ratio" li tiġġustifika l-karenza ta' tutela ġuridizzjonali ċivili f'każ ta' logħob in ġenerali fil-fehma tal-Qorti tissussisti.

Għandu jiġi osservat illi l-artikolu 1807 et seq. tal-Kodiċi *Ċivili* ma jipprojbux il-logħob u lanqas jirrenduh per se illegali imma biss, in ġenerali, jipprivaw il-kreditu naxxenti minnu minn azzjoni. Għalhekk il-kliem fl-artikolu 4 "notwithstanding the provisions of any other law" ma jidhrux li setgħu kienu kontrapposti almenu direttament għal dawk l-artikoli tal-Kodiċi. Però kieku l-imsemmija Ordinanza waqfet biss fl-artikolu 4 seta' kien ikun hemm dubju favur it-teżi tal-appellant. L-ewwelnett b'dak l-artikolu ġie dispost li meta tingħata liċenza taħt l-artikolu 3 tal-istess Ordinanza "it shall be lawful" li jsiru l-ħwejjeġ hemm kontemplati. Il-kelma "lawful" almenu f'ċerti kontesti tista tfisser mhux biss "permitted" iżda anki "supported by the law" jew anki "legally enforceable". Talvolta għalhekk kien ikun jista' forsi jingħad illi meta hemm liċenza, il-logħob awtorizzat minnha għandu jkollu tutela ġurisdizzjonali. Inoltri l-iskop jew "ratio" tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili speċjalment in kwantu jieħdu l-azzjoni lill-kreditu ta' flus avanzati għal-logħob, huwa li dan ma jiġix inkoraġġit.. Imma skond l-artikolu 4 tal-Ordinanza fuq imsemmija t-titolari tal-liċenza huwa fakoltat anki li jinkoraġġixxi fit-terminu tal-liċenza l-logħob liċenzjat. B'dan il-mod kien ikun jista' forsi jingħad illi r-raġuni jew l-iskop tal-artikolu 1807 tal-Kodiċi Ċivili ġie newtralizzat almenu għal dak li jirrigwarda krediti tat-titolari tal-liċenza għal flus avanzti biex jinkoraġixxi l-logħob, u jekk spiċċa l-iskop ta' dik id-disposizzjoni għandu jitqies li spiċċat ukoll l-applikazzjoni tagħha: "cessante ratio legis cessat et ipso jus".

Iżda fil-fehma tal-Qorti ebda waħda minn dawn l-inferenzi ma tista' tagħleb dik, irresistibili, derivanti mill-artikolu 5 tal-Ordinanza. Kif irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti kieku dan kien l-iskop tal-leġislatur, jiġifieri li jidderoga għall-Kodiċi Ċivili in ġenerali, mhux spjegabbli għaliex f'dak l-artikolu li qiegħed jittratta speċifikament dwar il-Kodiċi

ċivili jissemma biss l-artikolu 1810. Dak l-artikolu ta' l-Ordinanza hu rivolt biex jirrilassa r-rigur tat-trattament li d-dritt ċivili tagħna jadotta għal-logħob u espressament illimita dan ir-rilassament għal deroga għad-dispost tal-artikolu 1810 tal-Kodiċi Ċivili. Kieku l-leġislatur ried verament jestendi dan ir-rilassament kien bla dubju jagħmlu billi jestendi r-riferenza espressa għall-disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Ċivili. Dan hu każ fil-fehma tal-Qorti fejn konklużjoni diversa twassal għas-sostituzzjoni tal-interpreti għall-leġislatur stess. In-natura stess ta' deroga għal-liġi ġenerali f'termini espressament limitati timponi b'mod effikaċi r-raġonevolezza tal-proposizzjoni illi mhux presumibbli li l-leġislatur ried li għar-rigward tal-Kodiċi Ċivili jaffettwa miżura importanti ġenerali mingħajr ma jfisser din ir-rieda espressament.

Is-sistema adottat fil-Kodiċi għar-rigward tal-logħob hu manifestament aktar strett u rigoruż minn dak tal-Kodiċijiet franċiż u taljan li servew ta' modell għal-leġislatur patriju in kwantu partikolarment minflok ma jikkonċedi (bħal kodiċijiet franċiż u taljan u anki, fost oħrajn, il-Kodiċijiet estensi, albertin u naplitan) l-irripetibilità da parti tat-tellief tal-ħlas minnu volontarjament magħmul, jissanzjona espressament fl-artikolu 1810 (li ma jsib korrispondenza fl-ebda wieħed mill-Kodiċijiet fuq imsemmija u jidher li ġie meħud mit-tiċiniż) ir-ripetibilità tal-ħlas magħmul mit-tellief u dan permezz ta' interpellazzjoni b'att ġudizzjarju fi żmien xahrejn. Kien għal din id-disposizzjoni, ta' rigur eċċezzjonali fil-konfront tas-sistemi oħrajn fuq imsemmija, illi l-leġislatur issa bl-Ordinanza jidher li ried u, fil-fehma tal-Qorti, fil-fatt idderoga, biex ma jiffrastornax irraġonevolment il-logħob minnu stess awtorizzat fil-Casino, mingħajr però ma jidher li ried jinċidi ulterjorment fuq ir-reġim privatestiku tal-logħob.

Illi b'hekk għar-rigward ta' dan ir-reġim il-leġislatur

żamm "media via" u ġie sostanzjalment rigward il-logħob, liċenzjat fuq il-pjan tas-sistemi l-oħrajn li kienu servew ta' modell għall-Kodiċi Ċivili tagħna. Hu risaput li l-logħob (bħall-imħatri, li l-liġi tagħna tikkunsidra konġuntament) jirrappreżenta l-grad estrem tal-aleatorjetà u mill-punto di vista tal-ordni pubbliku (neħħi dak li jikkontribwixxi għad-destrezza u l-eżerċizzju tal-ġisem) jippreżenta gravi perikoli għas-soċjetà bl-allettament ta' qliegħ faċli li mbagħad ġie li jwassal għad-dilapidazzjoni ta' patrimonji sħaħ. Il-logħob hu attività sterili li bih wieħed ifittex li jikseb il-ġid tal-ieħor mingħajr ma jippartecipa fil-produzzjoni. Anki meta jkun penalment leċitu, tonqos fil-logħob dik il-funzjoni soċjali li tiġġustifika t-tutela ġuridika tar-rapport. Fil-każ preżenti l-liġi ġdida issottraiet għas-sanzjonijiet penali l-logħob organizzat fil-Casino u rrimuoviet ukoll dak li hu fil-kamp tad-dixxiplina privatestika ġenerali element komparativament eċċessiv ta' repressjoni li dehrilha inkonsistenti mal-liċenza għall-logħob awtorizzat; però xorta, konsona mal-prinċipji ġenerali ta' Kodiċi, il-liġi l-ġdida ma irravviżatx fil-logħob ankorkè liċenzjat interess addirittura denn ta' tutela ġuridika, u m'hemm xejn inkonsistenti f'dan il-kontenn. Tant għandu qawwa l-prinċipju informattiv tal-liġi tagħna f'din il-materja illi anki għar-rigward tal-logħob li jiġġenera azzjoni (artikolu 1808 Kodiċi Ċivili) il-Qorti hi fakoltata li tirriduċi t-talba meta l-posta tidhrilha eċċessiva.

Mill-premess fil-fehma tal-Qorti jemerġi illi waqt li d-debitur ta' debitu ta' logħob (logħob awtorizzat bl-imsemmija Ordinanza XVI/62) hu prekluż milli jaġixxi għar-ripetizzjoni ta' dak li jkun ġà ħallas volontarjament, salv talvolta il-każ ta' dolo u frodi fl-istess logħob, il-kreditu għal-logħob jew għal self għal-logħob għadu xorta sprovvist b'azzjoni, salv naturalment li d-debitu jekk ma jorbotx fid-dritt jitqies mill-interessat li jorbot fl-unur.

Kwantu għat-tieni aggravju, l-appellant jirravviżah fid-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti illi l-obbligazzjoni assunta mill-appellat lejn l-appellant kontra s-sovvenzjoni ta' "jetons" għal valur ekwivalenti hi debitu tal-logħob u bħala tali sprovvista b'azzjoni. Jiġi osservat illi, taħt dan il-kap tal-appell, l-appellant ma jressaq ebda aggravju għar-rigward tas-somma ta' £800 li, kif hu stess indika fiċ-ċitazzjoni u fid-dokumenti annessi magħha, ġew minnu avanzati lill-appellat b'titolu espressament ta' self u li minnha l-appellat ħallas £100 akkont. Kif jidher mill-iskritturi eżibiti, parti minn dawn il-flus ġew avanzati lill-appellat in kontanti u parti f'"jetons": fiż-żewġ każi però bħala "loans". Fuq l-assunt, kif ritenut hawn fuq, illi l-artikolu 1807 tal-Kodiċi Ċivili hu applikabbli anki rigward il-logħob li jsir fil-Casino, dan il-kreditu tal-appellant hu testwalment kolpit mis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu li jinnega l-azzjoni għar-rimbors ta' self magħmul għal-logħob fiċ-ċirkostanzi hemm imsemmija. Jidher mix-xhieda tal-appellat, li evidentement kien frekwentatur assidwu tal-Casino u magħruf bħala tali mid-diriġenti, illi s-self sar għal-logħob u fiċ-ċirkostanzi — ma jidhirx li jista' jiġi dubitat — b'konoxxenza tal-appellant.

L-ilment tal-appellant taħt dan il-kap tal-appell jirrigwarda is-sovvenzjoni tal-"jetons" b'valur ta' £1450 li hu għamel lill-appellat kontra l-emissjoni ta' cheques li eventwalment ma ġewx onorati. Is-sottomissjoni tal-appellant sostanzalment hi dupliċi u ċioè (i) illi l-kreditu tiegħu derivanti minn dik l-operazzjoni mhux "kreditu tal-logħob" jew self għal-logħob kif kontemplat fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 1807 tal-Kodiċi Ċivili u (ii) alternattivament li bl-emissjoni taċ-cheques l-appellat ħallas id-dejn u l-appellant għandu d-dritt jinvoka s-"soluti retentio" in bażi għaċ-cheques.

Loġikament jidher illi t-tieni kwistjoni għandha tiġi

kkunsidrata fl-ewwel lok. *Infatti* jekk ir-rilaxx taċ-cheques jikkwivali għall-pagament, kif jgħid l-appellant, allura l-appellat ma jkunx jista' jinvoka d-"denegatio actionis" billi f'din l-ipotesi l-valur taċ-cheques jitqies approprjat għall-patrimonju tal-appellant u l-appellat ma jistax jinvoka r-ripetizzjoni. F'din l-ipotesi ma jkunx iżjed importanti li wieħed jiddeċidi x'inhi eżattament in-natura tal-kreditu tal-appellant.

Fuq din l-ewwel kwistjoni l-Qorti taħseb li għandu jiġi fl-ewwel lok osservat illi l-appellant innifsu fiċ-ċitazzjoni qed jippostula li pagament ma sarx. Jekk wieħed janalizza sew-wa t-terminu taċ-ċitazzjoni wieħed jinduna illi l-azzjoni eżerċitata mill-appellant mhiex bażata fuq iċ-cheques bħala titolu awtonomu tal-kreditu pretiż minnu imma hi bażata fuq ir-rapport fondamentali li sar bejn il-partijiet konsistenti fis-sovvenzjoni ta' "jetons" li l-valur tagħhom għadu ma tħallasx.

Fit-tieni lok però l-Qorti jidhrilha li r-rilaxx ta' cheque rigward dejn ta' logħob (asumendo għalissa illi fil-każ preżenti si tratta ta' dejn ta' logħob) ma jikkostitwix pagament għall-finijiet tas-"soluti retentio" in konnessjoni mal-preżenti kwistjoni imma biss mezz biex il-pagament jista' jiġi konsegwit. Tidher li hi prevalenti dottrina u ġurisprudenza taljana (u jerġa' jingħad li qed issir riferenza għal din id-dottrina u ġurisprudenza għax id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna jaqblu in ġenerali ma' dawk tal-Kodiċi taljan tal-1865) illi l-pagament kapaċi li jservi ta' fondament għas-"soluti retentio" għandu jkun effettiv ossija għandu jikkonsisti fil-"praestatio cuius quod debitur" mentri r-rilaxx ta' cheque huwa biss promessa ta' ħlas. Hu veru illi fil-lingwaġġ komuni hi spiss affermata l-ekwivalenza bejn iċ-cheque u l-flus iżda ġuridikament hemm differenza bejn ħlas u l-għoti ta' ordni għall-ħlas. Dan jingħad s'intendi fir-relazzjoni tat-

traent fil-konfront tal-"payer" u mhux fil-konfront ta' terz possessur ta' buona fede.

L-appellant però insista fil-petizzjoni tal-appell li għandha ssir distinzjoni bejn il-każ fejn ikun hemm provvista ta' fondi u l-każ fejn ma jkunx hemm. Bħala fatt issa rriżulta mill-aħħar xhieda tal-appellat u d-dokumenti bankarji minnu prodotti illi meta ħareġ iċ-cheques ta' Novembru 1964, kellu fil-Bank £254.14.1. biss, li minnhom £100 tħallsu fuq cheque li hu kien ħareġ anterjorment u, kif żied ukoll jgħid, lill-istess Casino u kwantu għaċ-cheques emessi f'Mejju, 1965, dak iż-żmien kellu biss il-Bank £1.1.3. Għalhekk is-sottomissjoni tal-appellant f'dan ir-rigward tista' biss tinteressa dawn is-somom esigwi mill-ammont kollu minnu reklamat.

Issa hu veru li jidher li d-dottrina u ġurisprudenza franċiżi akkordaw azzjoni għall-kreditu ta' logħob meta l-provvista tal-fondi ġiet nieqsa wara l-emissjoni taċ-cheque (ara Planiol et Ripert, Traitè Pratique de Droit Civil Francais, Tome XI, p. 559, para. 1209). Iżda apparti milli din il-veduta mhix la paċifika u lanqas ġenerali (ara Aubry et Rau, Droit Civil Francais, 6me edition, 1951, Tome VI, p. 108, para. 386, u Mazeaud et Mazeaud, Lecons de Droit Civili, 1963, Tome III, p. 1262, para. 1618), jidher illi hu fatt li dik il-veduta tirpoża fuq il-proposizzjoni illi l-emissjoni taċ-cheque topera ċ-ċessjoni jew it-trasferiment tal-provvista. Fid-dottrina u ġurisprudenza almenu prevalenti taljani dik il-veduta mhix segwita appuntu għaliex fl-ordinament ġuridiku taljan tonqos dik il-bażi tagħha u din il-Qorti jidhrilha li l-istess għandu jingħad għall-ordinament ġuridiku tagħna.

Tibqa' għalhekk l-ewwel kwistjoni fuq imsemmija jekk ċioè l-kreditu vantat mill-appellant hux kolpit bid-dinieg tal-azzjoni kontenut fl-artikolu 1807 tal-Kodiċi Ċivili. Fuq din

il-kwistjoni, jekk l-avvanz ta' "jetons" jitqies kif jikkontendi l-appellat bħala self, is-soluzzjoni avversa għall-appellant temerġi testwalment mis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu.

Il-kwistjoni tan-natura ġuridika tas-sovvenzjoni ta' "jetons" kontra l-emissjoni ta' cheque tidher li hi kontroversa fid-dottrina u ġurisprudenza taljan. Hemm indubjament awturi li jsostnu t-teorija avvokata mill- appellant fissens illi da kin-negozju ġuridiku jekwivali għall-kompravendita. *Hemm però* wkoll dottrina u ġurisprudenza li *iraviżaw fl-operazzjoni* kuntratt ta' *mutwu* kombinat ma' de*pożitu* taċ-cheque bħala garanzija tar-restituzzjoni.

Din il-Qorti jidhrilha illi għall-finijiet ta' din il-kawża m'għandhiex għalfejn tippronunzja ruħha definittivament fuq din il-kwistjoni u dan għaliex anki jekk l-operazzjoni titqies bħala xiri u bejgħ u l-pretenzjoni tal-appellant titqies li tikkonsisti fi kreditu għall-ħlas tal-prezz, dak il-kreditu hu xorta waħda kolpit mid-"denegatio actionis" in bażi għas-subartikolu (1) tal-artikolu 1807 fuq imsemmi bħala kreditu tal-logħob.

Ġa ġie aċċennat aktar il-quddiem illi l-Kodiċi Ċivili tagħna hu wisq aktar restrettiv rigward il-logħob mill-kodiċijiet li in ġenerali servewh ta' mudell. Il-Kodiċi tagħna mhux biss ipprovda fl-artikolu 1810 għar-ripetizzjoni ta' somma mitlufa fil-logħob mentri l-kodiċijiet l-oħra għall-kuntrarju jirrikonoxxu l-irreptibilità ta' dawk is-somom imħallsin volontarjament, iżda talli wkoll, biex ineħħi kull dubju li kien hemm taħt il-kodiċijiet franċiż u taljan dwar il-portata tal-lokuzzjoni "debitu tal-logħob" u partikolarment dwar jekk avanzi ta' flus magħmulin għal-logħob jew għall-ħlas ta' logħob jirrientrawx f'dik il-lokuzzjoni, inserixxa ż-żewġ disposizzjonijiet espressi kontenuti fis-subartikolu (2) tal-

imsemmi artikolu 1807. U biex żgur ma jkunx hemm evażjoni ta' l-istess disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1807 żied ukoll l-artikolu 1809 li bih iddispona li kwalunkwe ftehim magħmul biex jinħarbu dawk id-disposizzjonijiet ikunu nulli.

Il-Qorti taħseb illi minn dan kollu hi leġittima l-konklużjoni illi l-Kodiċi ried jagħti tifsir estensiv lill-kliem "debitu tal-logħob" kontenut fl-ewwel parti tal-imsemmi artikolu 1807 b'mod li dak il-kliem għandu jitqies li jikkomprendi kull debitu li għandu kawża mil-logħob jew il-logħba bħala skop u hu funzjonalment kollegat miegħu. Il-Qorti tifhem illi s-sinjifikat l-aktar ovvju u l-aktar strett tal-kliem "debitu tal-logħob" hu dak li jirrigwarda relazzjonijiet bejn ir-rebbieħ u t-tellief jew insomma bejn dawk li immedjatament jieħdu parti fil-logħob sicss f'posizzjoni kuntrarja wieħed għall-ieħor, mentri fil-każ preżenti jidher mix-xhieda ta' Dottor Cassar illi jista' jkun li għal xi parti mill-"jetons" avanzati lill-appellat hu ma kienx qed jilgħab "kontra" u talvolta ma tilifx direttament mal-appellant bħala l-bank imma ma' ġokaturi oħrajn fil-"baccart". B'danakollu, però, meħud kif intqal rigward tal-ispirtu u intenzjoni tal-Kodiċi deżunti mid-disposizzjonijiet tiegħu, il-Qorti hi ta' fehma illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti l-kreditu pretiż mill-appellant kien talment konness mal-logħob in kwantu derivanti mill-fornitura ta' "jetons" għall-finijiet u bħala mezz tal-logħob li għandu jitqies bħala kreditu tal-logħob anki jekk il-logħob stess jew xi parti minnu ma sarx direttament bejn l-appellat u l-appellant bħala biskazzier.

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma jidhrilhiex li l-appell tal-attur jista' jiġi milqugħ.

Bis-sentenza appellata l-appellat ġie biss liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Strettament, ġaladarba l-ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-appellant ma

kellux azzjoni għall-ħlas mitlub, li fl kliem ieħor ifisser illi l-appellant m'għandux dritt skond il-liġi li jitlob dak li talab, il-konsegwenza kellha tkun iċ-ċaħda tat-talba fil-meritu. Iżda billi fuq dan il-pont m'hemm ebda appell da parti tal-konvenut u fuq l-appell tal-attur il-posizzjoni tiegħu stess ma tistax issir agħar, dak id-dispositiv tas-sentenza appellata ma jistax jiġi varjat.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata iżda l-ispejjeż anki tal-appell jibqgħu mingħajr taxxa u d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellant.

Ikkunsidrat —

**Fuq l-appell inċidentali**

Illi dan l-appell tal-konvenut hu ċirkoskritt għall-kap ta' l-ispejjeż u hu bażat fuq l-assunt li "l-kontestazzjonijiet deċiżi mill-ewwel Qorti mhumiex ġodda għaliex kemm il-liġi kif ukoll il-ġurisprudenza kostanti kemm ta' dawn il-Qrati kif ukoll dawk esteri jaqblu mat-teżi sottomessa mill-konvenut appellat." Mill-premess kollu għandu jidher ċar li din hi "oversimplification".

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut u tikkonferma fuq dan il-kap ukoll is-sentenza appellata bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-konvenut.